# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt


**Rif. Nru. Minuti 27/K6/10**

**Is-Sittax-il Laqgħa Pubblika 2010**

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 01/02/10 256**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 01/02/10 310**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm is-sittax-il Laqgħa Pubblika, skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2010.

1.02 Il-Laqghħ saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Hames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Irene Borg u Edgar Montanaro.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: Tnejn (2)

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresjeda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lir-residenti li kienu preżenti u nfurmhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.07 Iċ-Chairman qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2009 kif ukoll il-pjan għas-sena li gejja 2010 (Budget / Business Plan).

## 2. Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Issir *spot light* ħdejn l-istatwa ta' San Gużepp fi Triq il-Baltiku;

- Jitneħħew id-*double yellow lines* u jerġu' jsiru l-*parking bays* fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Forrest;

- Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li kien ser ikollu 'on site meeting' ma' rappreżentant mill-ADT fuq din il-materja.

- Inġibdet l-attenzjoni li l-aċċess għall-Happy Kids Nursery minn Triq Forrest huwa ta' periklu u qed joħloq inkonvenjent għall-pubbliku. Ġie ssuġġerit illi t-tfal għandhom jidħlu min-naħa ta' Triq Wied Għomor;

- Jitpoġġa skip ieħor ħdejn il-*bridge* li jagħti għall-knisja fi Triq Wied Għomor, skip ieħor fi Triq il-Mensija n-naħa ta' Forrest Court u skip in-naħa ta' Pender Place;

- Iċ-Chairman għarraf illi jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mir-residenti dawn isiru.

3. Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |